**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta' Gunju 2023**

Rikors Numru: 222/23 AL

A B

u

C D E

(M.R. Numru 359/2017)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors kongunt li ġie kkonfermat bil-ġuramentat miz-zewg rikorrenti li permezz tiegħu esponew:

1. Illi huma zzewgu f'Malta nhar l-ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u sittax (20/04/2016) gewwa r-Registru Pubblikul-Belt Valletta u liema żwieg jinsab debitament rregistrat bin-numru progressiv sitt mija sitta u sittin sbarra elfejn u sittax (666/2016) (Dok A);
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla, F B, illi twieldet nhar il-hamsa ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (05/06/2017) u li għalhekk għadha minorenni.

3. Illi huma nfirdu permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli nhar l-għoxrin taApril tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (20/04/2023) (Dok. B) filwaqt li ilhom de facto separati mill-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) (klawsola d' tal-kuntratt taseparazzjoni, Dok B' anness u kopja legali tal-ittra ta' medjazzjoni annessa bhala Dok 'C');

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

5. IIli l-partijiet iddekadew reciprokament ghad-dritt taghhom li jircievu manteniment minghand xulxin (Ara Dok B' klawsola numru 8), u għaldaqstant ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment f'dan ir-rigward.

6. Illi fir-rigward ta' manteniment ghall-minuri, ma hemm ebda pendenzi stante li dan dejjem thallas u għadu jithallas.

7. Illi l-partijiet qiegħdin jikkonfermaw il-fatti kontenuti f'dan ir- rikors permezz ta' zewg affidavits, li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok D' u Dok E rispettivament. Ghal kull buon fini jigi kjarifikat illi l-affidavit tar-rikorrenti C D E (Dok 'E' anness) jaqra bl-isem C D B, u cioe`l- kunjom precedenti tar-rikorrenti stante l-fatt illi l-istess affidavit sar immedjatament wara l-publikazzjoni tal-kuntratt separazzjoni tal-partijiet meta l-karta tal-identita tagħha kienet ta' ghadha ma gietx aggornata biex tigi taqra kunjom xbubitha skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni.

Talbu lil dina l-Qorti sabiex:

i. TIPPRONUNZJA l-hall taz-zwieg tal-kontendenti, liema zwieg sehh nhar l-ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u sittax (20/04/2016);

ii. TORDNA lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku

bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir- registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits taż-żewġ rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' April 2023;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' April 2023 de facto separati minn Lulju tas-sena 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.